MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2011

Avviz Numru. 249/2008

**Fact Consulting Limited (C29136)**

**Vs**

**Ta' Qali Producers Group (Fruit and Vegetables)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors prezentat mis-socjeta' Fact Consulting Limited nhar l-24 ta' Gunju, 2008, fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-intimati jhallsuha s-somma ta' sitt elef, tmien mija w wiehed u sebghin Ewro u hamsa w sittin centezmu (€6,871.65) ekwivalenti ghal elfejn, disa' mija w hamsin Lira Maltin (Lm2950) rapprezentanti l-valur ta' servizzi rezi lilhom sal-5 ta' Settembru, 2005.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandati ta' qbid u ta' sekwestru kawtelatorji prezentati kontestwalment, u bl-imghax kummercjali mill-5 ta' Settembri, 2005, li hija d-

data li fiha l-valur tal-imsemmija servizzi gew definittivament maqbula bejn il-kontendenti (Dok. A), bir-rapprezentanti legali tal-grupp intimat minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

B'rizerva ghall-hlas tal-valur ta' servizzi ulterjuri li gew provduti mis-socjeta' rikorrenti lil Ta' Qali Producers Group (Fruit and Vegetables) wara l-5 ta' Settembru 2005.

Rat ir-risposta tal-Grupp intimat prezentata nhar l-20 t'Awissu, 2008 fejn eccepixxa s-segwenti:

*1. Preliminarjament, illi t-talba attrici hija preskritta ai termini tas-Sub artikolu 2149( c) tal-Kap. XVI.*

*2. Illi s-servizzi moghtija mill-attrici ma kienux skond is-sengha w l-arti w ma swew xejn ghall-konvenut, minkejja l-weghdiet tar-rapprezentant tal-attrici, ghalhekk il-konvenut ma ghandu jaghti xejn lill-attrici u t-talba attrici ghandha tincahad.*

*3. Illi l-attrici indahlet ghal xoghol minghajr ma kellha l-hila mehtiega sabiex taghti tali servizz kif mitlub mill-Grupp intimate, u fil-fatt ghamlet aktar deni milli gid lill-intimati.*

*4. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.*

*Salvi eccezzjonijiet ulterjuri, jekk u meta jkun il-kaz.*

*Illi ghalhekk it-talbiet attrici m'ghandhomx jigu akkolti u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attrici".*

Rat illi fid-9 ta' Dicembru, 2008 is-socjeta' attrici pprezentat l-affidavit ta' **Jesmond Pace**, Direttur tal-istess socjeta'. Dan jghid li meta Malta dahlet fl-Unjoni Ewropea f'Mejju 2004, beda jesplora diversi oqsma w negozji fejn seta' jaghti s-servizzi tieghu, u gietu l-idea li settur li seta' jkollu bzonn dawn is-servizzi kien dak Agrikolu. Ikkuntattja lid-Direttur tal-Agrikoltura biex jgharrfu li seta'

jipprovdi servizz lil min kellu bzonn. Jghid li sussegwentement gie kkuntattjat minn certu Saviour Gauci rapprezentant ta’ dawk li jkabbru l-faqqiegh u talbu ‘Budgets and Business Plan’ biex jiffurmaw Producer Organization (PO) biex minn hemm ikunu ntitolati ghal ghajnuna finanzjarja mill-EU. Barra minn hekk dawn kienu hatru lil Sciriha, Attard Montaldo and Associates bhala l-avukati taghhom.

Jghid li l-kumpanija tieghu flimkien mal-avukata Dr. Lycia Vassallo, ghamlet hafna xoghol u ricerka w saru bosta laqghat u kuntatti anke mal-Ministeru tal-Affarijiet Rurali w l-Ambjent, peress li din il-PO kienet se tkun l-ewwel wahda hawn Malta, li fil-fatt twaqqfet aktar tard.

Ikompli li fil-frattemp is-Sur Gauci kien hajjar lil xi bdiewa li jkabbru l-frott u l-haxix, biex iwaqqfu PO simili, w fil-fatt f’Lulju 2004 dan Gauci kien talab lilu w lil Dr. Lycia Vassallo biex jiltaqghu ma’ dawn il-bdiewa. Jispjega li fl-ewwel laqgha kienu ltaqghu mas-Sur Peter Axisa, li dak iz-zmien kien is-Segretarju tal-Farmers’ Association u mas-Sur Joseph Farrugia li kien is-Segretarju Generali ta’ din l-assocjazzjoni bl-isem “Ghaqda Bdiewa Progressivi”. Aktar ‘il quddiem saru diversi laqghat ma’ bdiewa ohra. Ix-xhud jghid li biex jakkomoda lil dawn il-bdiewa, l-laqghat kienu jsiru fis-sebgha w nofs ta’ filghaxija, u kienu jdumu mat-tlieta jew erba’ sighat. L-ghan taghhom kien li jiffurmaw din il-PO biex ikunu jikkwalifikaw ghall-ghajnuna mill-EU.

Skond hu mill-bidu kien jidher car li dawn kienu dizorganizzati ghall-ahhar, bhala grupp ma kinux professjonali specjalment bhala amministrazzjoni w finanzi, bilkemm kienu jaqblu bejniethom, ma kinux kapaci jfornu l-informazzjoni necessarja mitluba minnhom anke dwar il-valur ta’ dak li kienu jipproducu huma stess matul is-snin, u li kull ma kien jinteressahom kien li jiehdu l-flus mill-EU

Fl-affidavit tieghu ix-xhud jghid fid-dettall x’kien ix-xoghol li ghamel ghall-Farmers’ Association u x’kienu l-problemi li ltaqa’ maghhom (fol. 11-13). Huwa pprezenta kopja tal-

approvazzjoni tal-membri tal-assocjazzjoni biex Jesmond Pace (ix-xhud) u Dr. Lycia Vassallo) jkunu awtorizzati jipprezentaw id-dokumenti rigward il-formazzjoni tal-PG (Dok. A), kif ukoll kopji tal-minuti tal-laqgha li nzammet fil-5 ta' Settembru 2005 (Dok. B) u dokumenti ohra li huma 'projections' ta' dak li kellu jsir (Dok. C).

Jesmond Pace jghid ukoll li minkejja li kien jitlob lil Ta' Qali Producers Group (TQPG) ghall-hlas, dawn ma kinux ihallsuh. Minflok kienu dejjem iweghduh li jhallsuh 'on account' minn xi fondi li diga' kellhom u mill-flus li kienu se jdahhlu malli jibdew joperaw bhala grupp, u anke mill-fondi tal-EU. Jghid ukoll li f'certu punt dawn qalulu li kien qed jitlobhom ammonti gholjin hafna, u dan ghalkemm kienu qablu dwar ir-rati li kellhom ihallsu. Jispjega li effettivament kien qed jiccargjahom wisq inqas mir-rati normali (Dok. D). Jghid li barra mis-servizzi professjonali tieghu, kien joffrilhom ukoll l-ispazju fejn jiltaqghu, w fuq kollox qatta' hin twil jahdem fuq il-kwistjoni taghhom.

Meta xehed viva voce fis-seduta tat-8 ta' Jannar, 2008 Jesmond Pace qal li wara l-laqgha tal-5 ta' Settembru, 2005 (a fol. 15) huwa kien baqa' jahdem ghal TQPG. Jispjega li f'dik il-laqgha kienu ftehmu li kellhom ihallsuh tax-xoghol li sar in konnessjoni mal-'phase one' u weghduh li se jhallsuh ukoll tal-'phase two', u kien ghalhekk li kompla jahdmilhom. Jghid li gera b'kull mezz warajhom biex ihallsuh u dawn kienu jweghduh li se jgibu l-flus mill-bank jew mill-EU biex jeffettwaw pagament. Baqa' jtuihom is-servizzi tieghu sa' Lulju 2006. Hawnhekk ipprezenta e-mail datata 22 ta' Lulju 2006 mibghuta minnu lilhom bhala risposta ghat-talba taghhom biex jipproduci 'five year projections' ghall-bank. F'din il-mail hu talabhom ituh xi nformazzjoni li kellu bzonn biex jaghmel dak mitlub minnu u li kien lest li jkompli jahdmilhom pero' xtaqhom ihallsuh. Sussegwentement ma kkuntattjawhx aktar u r-relazzjoni bejniethom intemmet hekk, ghalkemm jaf li marru ghand accountants ohra.

Jesmond Pace rega' xehed in kontro-ezami fil-5 ta' Lulju, 2010 u kkonferma li fil-fatt qatt ma pprezenta Letter of Engagement u spjega li dan m'ghamlux ghaliex il-membri

li kienu prezenti dak iz-zmien kienu ghadhom ma jirrapprezentawx l-entita' w ghalhekk ma kienx hemm qbil la fuq min kellha tinhareg u lanqas min kien se jidhol responsabbli. Dejjem kienu jweghduh li se jhallsuh u jkomplu jzidulu x-xoghol u jorbtuh b'deadlines, imbaghad qatt ma jhallsuh. Ma jiftakarx jekk talabx ghal-letter of engagement b'e-mails, pero' cert li verbalment talab ghaliha kemm individwalment kif ukoll kollettivament. Ikkonferma wkoll li spjegalhom li kien hemm phase 1 u phase 2 verbalment, u probabilment anke b'e-mail, tant li ftakar li f'board meeting kienu qalu li se jaslu sa fejn ikun hemm 'recognition'. Ikkonferma inoltre li hu baqa' jaghti s-servizzi tieghu regolari b'mod shih u qatt ma rcieva xi lmenti min-naha taghhom.

Spjega li ghall-ewwel kellhom il-hsieb li jiffurmaw Producers Organization, izda mbaghad il-bdiewa ddecidew li jkun ahjar li jaghmlu Producers Group. Is-Sur Pace ikkonferma li din kienet l-ewwel Producers Group li fforma, w ghalkemm ammetta li verament kien qed jitghallem dwarha, sahaq li huwa iktar difficli li tifforma Producers Organization milli Producers Group. Stqarr li kienu tawh terminu entro liema kellu jipprezenta l-Projections, pero' sostna li ma setax jaghmel dan ghax ma sabx ghajnuna minghandhom u l-informazzjoni li kien tah Peter Axisa tant kienet bazika li fuqha ma tistax tibni. Sostna li huma ma kienux ikunu jridu jmorru l-ufficcju, w kienu jmorru biss meta jitlobhom hu.

Ikkonferma li saru hafna laqghat u li hu kien jipprovdilhom l-ispazju biex izommuhom hemm, hafna minnhom ma kienux jattendu w kienu jitkellmu fuq kollox barra l-agenda. Stqarr li gieli kien johrog mill-kamra biex imur jirrispondi xi e-mails jew biex jaghmilhom il-kafe'. Mistoqsi kemm kellhom jiswew il-Five Year Projections jghid li ma jiftakarx u cahad li l-Post Year Projections ta' wara r-Recognition, kienu gew prezentati l-Ministeru w gew rifjutati.

Insista li huma kienu jweghduh li se jhallsuh jew bil-flus mill-bank jew mill-flus li jircievu mill-EU. Ikkonferma li kellu xi flus taghhom 'in trust' ghandu u stqarr li sal-lum

ghad ghandu problema biex jittrasferixxi dawn il-flus fil-kont taghhom, anzi spjega li dawn il-flus gew depositati f'kont kongunt bejnu u Dr. Lycia Cordina gja Vassallo. Sostna li hu kemm-il darba tkellem ma' Dr. Cordina dwar dan, pero' din ma tridx tiffirma biex isir it-transfer effettiv, ghalkemm zied li hu m'ghandu l-ebda oggezzjoni li jsir dan it-transfer.

Gie muri d-Dokument PF u qal li qatt ma kien rah qabel u zied li fil-fatt jidher li ma kienx gie 'copied' b'dawn l-e-mails. Filwaqt li rega' nsista li hu ma jsibx oggezzjoni li l-flus jigu ttrasferiti, sostna li Dr. Cordina kienet giet nominata minnhom stess. Qal li bejnu w Dr. Cordina dejjem kien hemm kollaborazzjoni w kull meta qaltlu biex imur il-bank biex jiffirma dejjem mar. Stqarr li hu qatt ma ha l-inizjattiva li jcemplilha biex imorru jaghmlu t-transfer.

Ikkonferma li l-klijenti marru ghand haddiehor biex gabur l-Projections minn wara dahru, liema projections gew rifjutati kemm-il darba. Sostna li l-Projections tal-Grand Thornton dahlu wara r-Recognition u mhux qabel u li allura dawn japplikaw ghal servizzi wara d-data tas-servizzi li qed jitlob hu.

Waqt is-seduta tas-6 ta' Mejju, 2009 xehdet **Dr. Lycia Cordina** (gja Vassallo) (a fol. 32 et seq.). Din qalet li xi zmien qabel kien hemm xi rapprezentanti tal-bdiewa, s-Sur Peter Axisa u s-Sur Joe Farrugia fost ohrajn, li kienu kellmu lil Dr. Michael Sciriha li mbaghad kien inkariga lilha biex tassistihom ghall-formazzjoni ta' Producers Group jew Organization, li hija entita' rikonoxxuta mid-Dipartiment tal-Agrikoltura ta' Malta u li l-istatus taghha kien jippermettilha li eventwalment tkun tista' tapplika w tircievi fondi mill-Unjoni Ewropea. Ikkonfermat l-involviment ta' Jesmond Pace biex jassistihom mil-lat finanzjarju waqt l-istadju tal-formazzjoni taghhom. Ikkonfermat ukoll li kienu jinzammu laqghat biex jaraw ezattament x'kienet tinvolvi din il-procedura w biex jiddeciedu jekk kienx jaqbel l-iktar li jiehdu l-istatus ta' Group jew inkella ta' Organization. Spjegat li dan jiddependi fuq diversi fatturi, fosthom il-'production', it-tip ta' hxejjex u frott imkabbra, l-ammont ta' membri, t-

‘turnover’ u affarijiet simili, w naturalment dan kollu kien jimplika gbir ta’ hafna nformazzjoni.

Ix-xhud qalet li saru hafna laqghat, ghalkemm ma kinitx taf kemm ezatt, u ziedet li kull laqgha kienet iddum saghtejn jew tliet sieghat. Kompliet li dak iz-zmien il-PG kienet ghandha mhix rikonoxxuta, w la kellhom post fejn jiltaqghu, la fondi w lanqas rizorsi. Tghid li fil-fatt is-Sur Jesmond Pace kien joffrilhom l-ufficcju tieghu biex jiltaqghu u anke l-ghajnuna tal-istaff tieghu. Ziedet li wara li kienet ingabret l-informazzjoni kollha mehtiega, s-Sur Pace kien tahom il-parir li jkun ahjar li japplikaw bhala Producer Group u eventwalment ikunu f’posizzjoni li jiehdu status ta’ Organization. Tkompli tghid li hi kienet prezenti meta gie diskuss il-hlas. Spjegat li peress li l-entita’ kienet ghadha ma gietx iffurmata, flus ma kienx hemm u allura l-ftehim kien li meta jkun hemm il-flus, kemm hi kif u koll is-Sur Pace jithallsu. Ghalkemm ma kinitx certa, qalet pero’ li jista’ jkun li waqt din il-laqgha kien sar xi hlas akkont lil Jesmond Pace. Qalet ukoll li sa fejn taf hi kien inzamm board meeting fejn Pace kien ipprezenta l-kont tieghu sa dak iz-zmien, u l-bilanc dovut kien gie approvat.

Giet murija minuta esebita a fol. 15 tal-laqgha tal-5 ta’ Settembru 2005, liema laqgha nzammet fl-ufficcju tas-socjeta’ attrici. Ikkummentat li l-ammont dovut, cioe’ elfejn u hamest mitt lira (Lm2500) oltre l-VAT jikkoncerna biss id-drittijiet dovuti lis-Sur Pace, u ziedet li naturalment kien johrog kont iehor separat ghad-drittijiet legali. Qalet li hi ma kinitx prezenti ghal-laqgha fuq imsemmija, pero’ ziedet li wara dik id-data x-xoghol kompla miexi u li l-ahhar laqgha fejn kienet prezenti hi kienet fis-sena 2006.

Ix-xhud tghid ukoll li sa fejn taf hi s-Sur Pace kien jaghti l-kont tieghu minn zmien ghal zmien u li sa fejn taf hi wkoll il-grupp qatt ma kkontesta dawn il-kontijiet, pero’ dejjem kienu jipposponu l-hlas effettiv, bl-intendiment li kienu se jhallsu una volta jkollhom il-flus.

Dr. Lycia Cordina regghet xehdet waqt is-seduta tat-13 ta’ Lulju, 2010 w regghet ikkonfermat li saru hafna laqghat,

ghalkemm ma setghetx tikkwantifika kemm, u li kull laqgha kienet iddum hafna, minimu ta' saghtejn. Ikkonfermat li l-bicca l-kbira tal-laqghat kienu jsiru fl-ufficcju tas-socjeta' attrici w ziedet li numru zghir biss ta' laqghet saru fl-ufficcju ta' TQPG. Qalet li huma ma kinux jahdmu ma' xi dipartiment, izda kienu jissottomettu d-dokumentazzjoni rikjesta.

Sostniet li din kienet l-ewwel Producer Group li ffurmaw hi u Jesmond Pace u anke l-ewwel wahda registrata ma' dipartiment tal-Gvern, ghalkemm qabel din kienu hadmu fuq Producer Organization. Spjegat li huma kienu jaghmlu konsulenza mad-dipartiment u mbaghad jipprezentaw id-dokumenti li dawn jitolbuhom. Tghid li gieli kienu jitolbuhom xi emendi f'dawn id-dokumenti. Sostniet li hi u Jesmond Pace kienu jahdmu separatament fuq din il-kwistjoni w allura hi ma tista' tghid xejn dwar il-kontijiet ta' Pace.

Qalet li ghall-ewwel kellha ssir Producer Organization izda mbaghad raw li ma kinitx vijabbli w applikaw ghal Producer Group. Qalet li meta tigi rikonoxxuta tkun eligibbli ghall-fondi mill-EU. Spjegat li peress li din il-PG ma kinitx qed topera ma kellhiex fondi, w allura ftehmu li meta jibdew joperaw u jkollhom il-fondi gejjin ikunu f'posizzjoni li jhallsu. Qalet li l-fondi mill-EU kienu l-ewwel flus li l-PG kienu qed janticipaw li jircievu. Ziedet li ghalkemm ma tafx x'gara mill-PG, taf li rcevew xi flus. Pero' ma tafx jekk Pace irceviex xi flus akkont u jekk ircieva ma tafx kemm. Ikkonfermat li hi fil-fatt irceviet xi hlasijiet akkont tax-xoghol taghha. Kompliet tinsisti li ma taf xejn dwar il-kont ta' Pace, pero' tammetti li huwa kien jaghti servizz ikbar minnha f'din il-kwistjoni, fis-sens li kien jipprovdi wkoll l-ufficini tieghu u kien qed jaghti servizz ta' accounting dwar VAT. Qalet li kienu johorgu kontijiet separati, t-tnejn bin-numru tas-sighat.

Imbaghad qalet li l-membri tal-PG kienu jhallsu mizata ta' xi hamsin lira (Lm50) u li peress li l-entita' ma kinitx ghadha ffurmata kien infetah kont bankarju f'isimha w f'isem Jesmond Pace fejn tpoggew dawn il-flus, u allura dan kien l-uniku kuntatt bejnha w bejn is-Sur Pace.

Ikkummentat li ghalkemm wara saret taf li l-Bord kien qed jitlob lil Pace biex jaghti r-release, dak iz-zmien hadd ma kien qalilha xejn u lanqas hadd ma kien ikkuntattjaha biex tirrilaxxja l-flus. Pero' qalet ukoll li darba saritilha talba f'dan is-sens u hi kienet wiegbet li l-ewwel kellhom jithallsu hi u Pace u mbaghad jirrilaxxjaw il-bilanc. Kompliet li sussegwentement kienet irceviet komunikazzjoni minghand Peter Axisa fis-sens li kienu se jhallu din il-pendenza kif kienet, li kellhom imorru jkellmuha. Pero' hadd ma kellimha. Ikkonfermat li hi thallset biss hames mitt Lira (Lm500) u baqaghlha tiehu elfejn Lira (Lm2000).

Rat li fis-seduta tas-27 t'Ottubru, 2009, is-socjeta' attrici pprezentat affidavit ta' **Melanie Saliba** ( a fol. 41), impjegata mal-kumpanija FACT Consulting Limited. Hija kkonfermat li l-kumpanija attrici, fis-sena 2004, kienet tqabbdet mill-ghaqda tal-bdiewa (TQPG) biex tassistihom f'diversi servizzi, fosthom bosta laqghat mal-promoturi tal-ghaqda. Tghid li laqghat kienu jsiru kemm fl-ufficcju taghhom, kif ukoll go Ta' Qali jew ir-Rabat. Tghid li x-xoghol taghhom kien jinkludi hafna xoghol ta' support amministrattiv fuq negozji ta' "start ups", bhal ippjanar, dizinn, mili ta' formoli w cirkulari, iz-zamma ta' agenda, posta w telefonati, li kollha kienu jsiru mill-ufficcju tass-socjeta' attrici. Is-socjeta' attrici kienet tqabbdet ukoll tigbor il-mizata minghand il-bdiewa membri prospettivi, liema flus kellhom ikunu depositati minn Jesmond Pace u Dr. Lycia Cordina f'kont bankarju ghan-nom tal-istess ghaqda tal-bdiewa, fuq struzzjonijiet tal-bdiewa stess.

Imbaghad spjegat li xogholha huwa li tamministra l-ufficcju tal-kumpanija attrici, inkluz l-analizi tas-sighat li jsiru fuq xoghol partikolari u l-hrug tal-kontijiet lill-klijenti. Spjegat li meta d-Direttur, cioe' s-Sur Pace, talabha tohrog il-kont ghall-ewwel fazi abbazi tas-sighat involuti, l-kont kien tela' sostanzjalment ghaliex kien hemm numru ta' sighat mhux hazin ta' nies fl-ufficcju nvoluti w allokati ghal dan ix-xoghol ta' TQPG. Kompliet li meta s-Sur Pace ra kemm kien il-kont, iddecieda li jaghti skont generuz. Tghid ukoll li dan il-kont kien intbaghat u li s-Sur Pace kien qalilha li dan il-kont tal-ewwel fazi kien gie approvat mill-Bord tal-

Ghaqda u li din l-approvazzjoni kienet registrata formalment fil-minuti, w allura hi setghet tigri warajhom biex ihallsuhom. Pero’ dawn kienu jghidulha li meta jkollhom il-flus ihallsu kollox, izda ghaddew hafna xhur u baqghu ma hallsux. Tghid li kienet iccempel lil Salvu Gauci, lil Peter Axisa u lil Joseph Farrugia, pero’ hadd minn dawn ma kien jerfa’ r-responsabilita’ w kienu jirreferuha minghand wiehed ghall-iehor, filwaqt li jghidulha li ma kienx hemm problema biex isir il-hlas.

Taf li wara li l-ghaqda giet rikonoxxuta bhala Producer Group (PG), l-kumpanija attrici giet inkarigata biex tkompli tahdem fuq preparazzjoni ta’ rapporti, inkluz ghall-bank, f’forma ta’ *Business Plan*, inkluz *Detailed Financial Budget*, u rapport iehor simili ghad-Dipartiment tal-Agrikoltura. Spjegat li dan ix-xoghol kien jiehu hsiebu s-Sur Pace, u hi kienet tassistih meta jkun mehtieg. Kompliet tispjega li biex isir dan ix-xoghol kien hemm bzonn l-input tal-klijenti, w ghaldaqstant talbu li jiltaqghu maghhom, pero’ f’dak l-istadju l-membri tal-ghaqda ma kinux qed jikkoperaw maghhom u ghalkemm il-kumpanija attrici pprovat tikkomunika maghhom, dawn ma kellmuhomx iktar.

Dakinhar tas-27 t’Ottubru, 2009 xehed ukoll **Peter Axisa**, CEO tal-Grupp intimate ( a fol. 43 et seq.) li qal li fis-sena 2005 kienu hemm xi sitta w tmenin bidwi li riedu jiffurmaw organizzazzjoni bil-ghan li jiehdu xi ghajnuna mill-Unjoni Ewropea bil-ghan li jpoggu l-prodotti taghhom direttament fuq is-suq u jaghmlu wkoll ippakkjar regolari. Ghalhekk jghid li kellhom bzonn ghajnuna legali w konsulenza finanzjarja u ghal dan il-ghan kienu qabbdu lis-socjeta’ FACT Consulting Limited u lil Dr. Lycia Vassallo. Jghid li pero’ dawn ma tantx kienu jafu xi jrid isir, tant li jghid li huma (l-bdiewa) kienu jafu aktar minnhom dwar regolamenti u ghaddewlhom il-hard copies kollha li kellhom bl-informazzjoni. Ikkonferma li biex ikunu rikonoxxuti kellhom jghaddu minn certu proceduri, w ammetta li dan ghamluh bl-ghajnuna tal-konsulenti taghhom.

Kompla li sussegwentement inqalghu xi problemi ghaliex huma xtaqu li kull darba li hu (x-xhud) jiehu decizjoni, jkun hemm il-firem ta' kulhadd, ghalkemm precedentement kienet ittiehdet decizjoni li f'certu kazijiet seta' jagixxi minghajr il-firem.

Ikkummenta li kull darba li kienu jmorru jkellmu lis-Sur Pace, dan tant kien ikollu nies, li ma kienx itihom l-attenzjoni li xtaqu, w fil-fatt kien jitratta maghhom u fl-istess hin jitratta ma' klijenti ohra.  Spjega li sa dak iz-zmien ma kienux rikonoxxuti bhala entita' w kien ghad fadal jingabru xi mizati tal-klijenti, w allura nfetah kont f'isem Dr. Vassallo u Jesmond Pace biex il-flus tal-mizati jidhlu fih bl-intiza li meta jsiru entita' dawn jinqalbu f'isem l-entita', pero' ghalkemm gew rikonoxxuti bhala entita' dawn il-flus baqghu qatt ma gew trasferiti w ghadhom f'idejhom.

Kompla jghid li mbaghad kellhom bzonn Five Year Projections biex ikunu jistghu jikkwalifikaw ghall-ghajnuna mill-EU, li kellhom jigu pprezentati entro certu terminu. Spjega li hu kellu bzonn isiefer u kien halla struzzjonijiet lis-Sur Pace biex jipprezentahom hu, pero' malli dahal lura Malta, fid-disgha ta' bil-lejl, kien skopra li dan ma sarx u kellu jibqa' sejjer l-ufficcju tas-Sur Pace u baqghu hemm sal-erbgha ta' filghodu ghaliex dawn id-dokumenti kellhom jigu pprezentati sal-ghada filghodu.  Jghid li kieku ma qaghadx mas-Sur Pace biex jaghmlu dawn ir-Recognition Plans, kienu jitilfu sena.

Jinsisti li l-ftehim kien li kellhom ihallsu ghall-konsulenza w l-assistenza legali meta jibdew gejjin il-flus mill-EU. Mistoqsi jekk kienx jaf kemm se tiswa din il-konsulenza, jghid li huma dejjem kienu jinsistu li jkunu jafu fejn qeghdin, pero' mbaghad meta qorbu biex igibu l-projection kienu tawhom cifra, li fil-fehma tal-Grupp kienet wahda eccessiva.  Jghid li ghalkemm talbu l-Letter of Engagement diversi drabi, dawn tawhielhom biss meta nqala' d-disgwid.  Kompla li meta rcevew il-kont kienu tawhom hames mitt Lira (Lm500) kull wiehed, nonostante li dan ma kienx il-ftehim ta' bejniethom. Sussegwentement Pace kien talbu hames mitt Lira ohra

meta gew biex jaghmlu l-Projections, u hu kien qallu li dawn jircevihom meta jircievu l-flus.

Peress li Jesmond Pace baqa' m'ghamilx il-Projections rikjesti minnhom, huma ssospendew is-servizzi tieghu u marru ghand Grand Thornton u naturalment kellhom jergghu jibdew mill-bidu bi spejjez zejda. Jikkummenta li dawn talbuhom hafna inqas mis-Sur Pace.

Insista li s-Sur Pace ma kellu l-ebda idea kif jigu fformati tali Organizations u nqeda bihom biex jitghallem. Jghid ukoll li huma mill-ewwel kienu ghamluha cara li ma kienux se jhallsu qabel ma jircievu l-fondi mill-EU, liema fondi ma waslux.

Esebixxa bhala Dok. X in-noti li ghamel referenza ghalihom waqt ix-xhieda tieghu. Dok. JP huwa ittra mibghuta minnu lil Jesmond Pace u lil Dr. Lycia Cordina. Dok. T1 huwa ittra mibghuta minn Jesmond Pace, filwaqt li Dok. T2 huwa ittra mibghuta minn Dr. Lycia Cordina. Esebixxa wkoll korrispondenza skambjata bejniethom, li giet immarkata bhala Dok. T3, kif ukoll numru ta' e-mails ohra skambjati bejniethom li gew immarkati bhala Dok. T4.

Fl-istess seduta tas-27 t'Ottubru, 2009 xehed **Joseph Farrugia** (a fol. 65 et seq.) li sostna li ma kienx involut fin-nomina ta' FACT Consulting Limited, pero' shabu, cioe' l-membri tal-Bord ta' Ta' Qali Producers Group, kellhom fiducja shiha f'din is-socjeta' w allura hu mexa maghhom. Jghid li hu mill-ewwel kien innota li kien hemm hafna telf ta' hin zejjed, u dwar dan kien kellem lil Peter Axisa w dan kien qabel mieghu. Spjega li meta kienu qed imexxu ghall-istatut Dr. Lycia Cordina kienet qaltilhom li s-CEO tal-grupp ma setax ikun membru ta' xi union. Jghid li effettivament Peter Axisa kien Segretarju Generali ta' Union, u fuq din il-kwistjoni biss kienu hlew erba' sighat u nofs.

Sostna li huma kemm-il darba kienu jitolbu l-kont lil Jesmond Pace, pero' dan kien jittratjeni. Lanqas Letter of Engagement ma kien tahom, u sussegwentement kien

baghtilhom ittra biex japprovaw il-Letter of Engagement, pero' sadanittant kienu diga' qabbdu lil haddiehor. Kompla jghid li l-flus tal-mizata ta' xi membri kienu gew mghoddija lil Jesmond Pace u lil Dr. Lycia Cordina. Zied li huma kienu xtaqu li jaghmlu esportazzoni tal-patata, izda s-Sur Pace ma xtaqhomx li jaghmlu dan, pero' huma xorta komplew b'dan il-hsieb u fil-fatt marru tajjeb.

Ikompli jsostni li s-Sur Pace ma kienx professjonali ghaliex waqt li kien ikun f'laqgha maghhom, kien jitlaqhom u jmur ikompli ma' klijenti ohra. Ix-xhud jghid li huma kellhom ufficcju fejn setghu jiltaqghu, pero' kienu jiltaqghu ghand is-Sur Pace fuq insistenza tieghu stess, biex skond hu (x-xhud) jkun jista' jlahhaq maghhom u ma' klijenti ohra. Fl-ahhar jghid li biex jiehdu l-flus mill-EU bilfors kellhom jinqdew b'ditta ohra.

Fis-seduta tat-2 ta' Dicembru, 2009 xehed **Joseph Muscat**, membru tal-Bord ta' TQPG (a fol. 69 et seq.). Ftakar li fis-sena 2004 l-bdiewa kienu ddecidew li jwaqqfu l-Producers Group u hu ntaghzel bhala membru tal-Bord. Ghalhekk kienu avvicinaw lil Jesmond Pace u lil Dr. Lycia Cordina ghall-assistenza biex jitwaqqaf il-grupp, u kienu jinzammu laqghat regolarment. Jghid li l-Gvern kien tahom ufficcju fejn setghu jaghmlu l-laqghat taghhom, u jghid ukoll li huma kien jidhrilhom li ghal certu laqghat ma kinitx necessarja l-presenza ta' Dr. Cordina w tas-Sur Pace. Ftakar li fis-7 t'Ottubru 2005 kellha ssir laqgha ghand Salvu Gauci, membru iehor tal-bord, izda mbaghad hu kien ircieva telefonata minghand Emanuel Muscat fejn infurmah li Jesmond Pace ried ikellimhom fl-ufficcju tieghu. Meta marru hemm sabu lis-Sur Pace u lil Dr. Cordina, w dawn bdew isaqsuhom hafna mistoqsijiet bhal jekk kinux qed izommu laqghat minghajrhom u jekk kinux jinzammu minuti tal-laqghat u min kien izommhom. Jghid li hu kien qalilhom li dawn jinzammu minn Joseph Farrugia w qalilhom ukoll li kienu qed jiddiskutu dwar il-possibilita' li Peter Axisa jkun is-CEO taghhom. Hawnhekk Dr. Cordina u s-Sur Pace qalulu li Peter Axisa ma kienx tajjeb bhala CEO ghaliex kien jikteb fil-gazzetti, w dan ma jawgurax tajjeb ghall-Producers Group u jista' jkun ta' hsara ghall-PG w ghall-bdiewa in generali.

Isemmi wkoll li dak iz-zmien kienu ftehmu li jgibu z-zerriegha tal-patata minn barra w li tinzera.  Il-bord kien iddecieda li Dr. Cordina u Pace izommu l-flus taghhom, peress li ma kienx ghad ghandhom kontijiet f'isimhom u l-membri kienu taw l-awtorizzazzjoni taghhom ghal dan. Jghid li fil-fatt meta kellhom bzonn il-flus ghall-patata, Jesmond Pace kien tahomlhom minn dawn il-flus li kellu f'idu.  Pero' jghid li meta mbaghad kienu talbuh jifthilhom kont bhala Ta' Qali Producers Group, dan qatt ma fetahulhom u l-kumplament tal-flus baqghu f'idejn Dr. Lycia Cordina w Jesmond Pace.  Fl-ahhar jghid li Pace u Dr. Cordina kienu qalulhom biex ma jghidu xejn lil hadd dwar dak li kienu ghamlu.

Rat ix-xhieda ta' **Emanuel Muscat**, moghtija minnu fis-seduta tat-2 ta' Dicembru, 2009 (a fol. 71 et seq.).  Dan jghid li huwa bidwi full-time, u li f'xi zmien il-bdiewa kienu ftehmu li jiffurmaw kumpanija Ta' Qali Producers Group, u fil-fatt hu nhatar membru tal-grupp.  Jghid li kienu jinzammu laqghat regolarment fil-proprjeta' ta' Jesmond Pace, fuq rikjesta ta' Pace stess, biex seta' jigi ffurmat il-grupp.  Jghid li fil-fatt iltaqghu ghand Pace xi tmien darbiet u wara bdew jiltaqghu fl-ufficcju li nghata lilhom mill-Gvern minghajr il-prezenza ta' Dr. Cordina w tas-Sur Pace. Ftakar li fis-7 t'Ottubru 2005 kellhom jiltaqghu ghand Salvu Gauci, wkoll membru tal-bord, izda mbaghad kien ircieva telefonata minghand Jesmond Pace li qallu biex imur hu flimkien ma' Joseph Muscat fl-ufficcju tieghu. Meta marru sabu wkoll lil Dr. Cordina, w dawn bdew jimlewlhom rashom kontra Peter Axisa fis-sens li bdew jghidulhom li dan mhux kapaci li jkun CEO ghaliex jikteb hafna fil-gazzetti u li Joe Farrugia ma kienx tajjeb ghaliex imdahhal fl-eta'.

Jghid li dakinhar kienu tkellmu wkoll dwar il-kwistjoni tal-patata.  Spjega li kienu ngabru hamsin lira minghand kull membru li gew mghoddija lil Jesmond Pace biex jinfetah kont f'isem il-Producers Group.  Dawn il-flus inzammu f'isem Jesmond Pace u Dr. Lycia Cordina.  Ix-xhud jghid li Cordina w Pace riedu li Peter Axisa u Joe Farrugia jitwarrbu min-nofs.  Isemmi li hu u Joseph Muscat kienu

zammew din il-laqgha sigrieta ghal xi sitt xhur u li f'din il-laqgha kien irrizulta li kemm Pace, kif ukoll Cordina kienu waqghu lura fix-xoghol li suppost kellhom jaghmlu ghall-PG.

Ikompli jghid li ghamlu diversi rikjesti lil Dr. Cordina u lil Pace biex ituhom lura l-bqija tal-flus wara li nxtar iz-zerriegha, izda dawn qatt ma raddewhomlhom. U kien hawn li huma tkellmu dwar il-laqgha fejn intqal kontra Axisa. Jghid li s-sigriet kienu zammewh biex jaraw jekk hux minnu li ma kinux tajbin ghall-posizzjoni.

**Salvu Gauci** xehed waqt is-seduta tal-14 t'April, 2010 ( a fol. 76 et seq.) bhala membru tal-Bord ta' Ta' Qali Producers Group u kkonferma li hu kien diga' kellu konnessjoni mas-socjeta' attrici ghaliex kien ghamel Association tal-Mushroom Producer Growers. Jaf li kien hemm xi diskussjonijiet dwar hlasijiet dovuti lis-socjeta' attrici mill-grupp tal-Fruit and Vegetables, pero' hu ma kienx inahal biex ma jkollux konflitti. Ammetta li x-xoghol in konnessjoni mal-Mushrooms ma kienx irnexxa w ghalhekk kien avvicina lis-Sur Pace biex jaghlaqlu l-kontijiet.

Jghid li meta kien mar ghal dan il-ghan kien hemm il-Financial Controller li qaltlu li s-Sur Pace ma kienx hemm u allura kien ha jhalli l-files hemm, meta sema' lil xi hadd minn gewwa jghidlu li jekk ta' Ta' Qali Producers ma kinux se jhallsu huwa ma kienx se jkompli bix-xoghol. Huwa wiegeb li ma jhallix min jirrikattah u telaq. Sostna li l-atteggjament tal-Fiancial Controller kien irritanti hafna. Sussegwentement is-Sur Pace kien iddecieda li ma jkomplix jahdmilhom. Insista li l-ftehim kien li l-hlas isir una volta jigu l-flus mill-EU.

Sostna li hafna laqghat kienu jsiru ghalxejn u jdumu hin twil bla bzonn, bhal meta kienu qed jiddiskutu l-hatra ta' CEO. Qal li l-fondi mill-EU jigu wara li tkun prezentata d-dokumentazzjoni kollha mid-Dipartiment tal-Agrikoltura u jkun hemm kredenzjali bizzejjed biex tinghata t-tender. Spjega li hafna mid-dokumentazzjoni kellha tigi

pprezentata mill-awditur, u ghalhekk sostna li fl-ahhar mill-ahhar is-Sur Pace kien responsabbli. Pero' mbaghad peress li kien se jiskadilhom it-terminu kellhom iqabbdu lil haddiehor u darb' ohra kellu jahdem is-CEO mas-Sur Pace biex ilahhqu.

Fl-istess seduta xehed **Paul Muscat** (fol. 78) li kkonferma li huma kellhom ihallsu lil Pace u lil Dr. Cordina meta jircievu l-flus mill-EU. Ikkonferma wkoll li Jesmond Pace xewwxu kontra Peter Axisa w Joe Farrugia w qallu li ma kellux fiducja fihom.

**Joe Sciberras** xehed dakinhar ukoll ( fol. 79) u qal l-istess haga rigward meta kellu jsir il-hlas. Semma li Pace kien ihallihom jistennew hinijiet twal qabel jibdew bil-laqghat u mbaghad gieli kien jitlaq biex ikompli ma' nies ohrajn. Dan qal ukoll li sa fejn jaf hu l-flus li ngabru kien gew depositati l-bank f'isem Jesmond Pace u Dr. Lycia Cordina, u ghadhom hemm, ghalkemm ma jafx kemm hu l-ammont.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Ta' Qali Producers Group prezentata nhar it-30 ta' Settembru, 2010 u n-nota ta' Fact Consulting Limited prezentata fl-10 ta' Novembru, 2010.

Ikkunsidrat:

Illi f'din il-kawza Jersmond Pace ghan-nom tas-socjeta' attrici qed jitlob lill-Qorti tikkundanna lill-konvenuti jhallsuh dik is-somma flus li ftiehmu dwarha, rapprezentanti drittijiet professjonali tieghu ghar-rigward servizz moghti lilhom.

Il-konvenuti preliminarjament jecepixxu li l-azzjoni odjerna hija preskritta ai termini tas-Sub artikolu 2149( c) tal-Kap. 16.

L-artikolu 2149 ( c) jiddisponi s-segwenti:

***2149.*** *L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni*

*bl-egħluq ta' sentejn:*

*(c) l-azzjonijiet ta' l-avukati, prokuraturi legali, nutara, arkitetti u nginiera civili, w persuni oħra li jezercitawprofessjonijiet jew arti liberali oħra, għad-drittijiettagħhom u għall-ispejjes li jkunu għamlu;*

Il-konvenuti qed isostnu li l-ftehim bejn il-partijiet dwar dak li l-konvenuti kellhom ihallsu lis-socjeta' attrici huwa datat 5 ta' Settembru 2005 (vide fol. 15), u stante li l-kawza odjerna giet prezentata nhar l-24 ta' Gunju 2008, il-perijodu preskrittiv ta' sentejn ghadda.

Is-socjeta' attrici fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha tghid li l-perjodu preskrittiv li ghandu japplika ghal dan il-kaz huwa dak stipulat fl-Artikolu 2156 (f) tal-Kap. 16, li huwa ta' hames (5) snin.

L-Artikolu 2156 (f) jipprovdi is-segwenti:-

***2156.*** *L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni*
*bl-egħluq ta' ħames snin:*

*(f) l-azzjonijiet għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor li gej minn operazzjonijiet kummercjali jew minn ħwejjeg oħra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skond din il-ligi jew ligijiet oħra, taħt preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirrizulta minn att pubbliku*;"

Kif gie ritenut fis-sentenza li nghatat mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Kummercjali) nhar il-11 ta' Marzu 2001 fl-ismijiet **Edgar Causon noe vs Abdelsalam A Scheibani noe :**

"*Biex tigi determinata liema hija l-preskrizzjoni applikabbli ghal azzjoni partikolari wiehed irid jezamina d-disposizzjonijiet partikolari tal-kuntratt li minnu titwieled l-azzjoni u fl-ewwel lok jistabbilixxi s-sustanza tar-relazzjoni guridika ezistenti bejn il-partijiet."*

Fil-kaz in dezamina s-socjeta' attrici qeghda tagixxi biex tkun kanonizzata kreditrici tal-konvenuti fis-somma

msemmija fir-rikors promotur, allegatament dovuta bhala bilanc dovut fuq servizz li nghata mill-istess socjeta' attrici lilhom tul medda ta' snin, liema somma giet miftiehma waqt laqgha li nzammet waqt Bord tad-Diretturi bejn ta' Ta' Qali Producer Group u Jesmond Pace ghan-nom tas-socjeta' attrici gewwa l-ufficcju tas-socjeta' attrici, w dan nhar il-5 ta' Settembru 2005. M'hemmx dubju li din l-azzjoni attrici hi prettament naxxenti w ibbazata fuq dan il-ftehim li jinkwadra ruhu - ghal dik li hija preskrizzjoni - fl-Artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili. M'hemmx dubbju li din il-kwistjoni gejja minn operazjoni kummercjali bejn is-socjeta' kummercjali w entita' li ghandha fini kummercjali wkoll.

Illi ghalhekk il-perijodu preskrittiv huwa dak ta' hames snin, kif tajjeb osserva l-avukat difensur tas-socjeta' attrici, w ghalhekk l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti qed tigi michuda.

Dwar it-tieni w it-tielet eccezzjoni tal-konvenuti jinghad li dawn jikkoncernaw il-mertu tal-kawza, w dan ghaliex jirreferu ghall-allegat fatt li s-servizzi moghtija mis-socjeta' attrici ma kinux skond is-sengha w l-arti w ma swew xejn ghall-konvenut, u 'n oltre inghad mill-konvenuti li s-socjeta' attrici ndahlet ghal xoghol minghajr ma kellha l-hila mehtiega sabiex taghti tali servizz kif mitlub mill-Grupp intimat, u fil-fatt ghamlet aktar deni milli gid lill-intimati.

Illi ghalhekk il-Qorti hasset il-htiega sabiex tara dak li kien gie miftiehem bejn il-partijiet nhar il-5 ta' Settembru 2005. F'dan il-ftehim, li huwa ffirmat mill-membri kollha li kienu prezenti f'isem il-konvenuti, hemm dikjarat is-segwenti, b'relevanza ghall-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuti - li l-membri kienu qed jaccettaw li l-hlas li kellu jkun hemm lejn Jesmond Pace ghan-nom tas-socjeta' attrici, kellu jkun ta' elfejn u hames mitt lira Maltin (LM2,500) oltre l-VAT ta 18% fuq dan l-istess ammont. Jirrizulta li Jesmond Pace kien ukoll staqsa lill-membri prezenti jekk kellhomx xi mistoqsijiet x'jistaqsu dwar il-kont, izda kulhadd baqa' sieket u ghalhekk il-kont gie approvat. M'hemmx dubbju ghalhekk li dan il-ftehim huwa dak komunement maghruf bhala *pacta sunt servanda.*

Il-principju ewlieni mhaddan fil-kamp tal-kuntratti huwa *pacta sunt servanda.* Proprju ghaliex il-Ligi trid li kuntratt pattwit skond il-ligi jkollu l-forza ta' ligi bejn il-kontraenti.

Fil-kawza **Spiteri vs Camilleri et** deciza minn din il-Qorti (PA/RCP) fit-30 ta' Mejju 2002 inghad hekk:–

*"Il-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta' tal-kontraenti kif espress fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tigi osservata".*

Principju tad-dritt daqstant importanti u rilevanti ghall-fini tal-vertenza bejn il-partijiet huwa migbur fl-**Artikolu 993 tal-Kap.16** li jaqra hekk –

"*Il-kuntratti ghandhom jigu esegwiti bil-bona fidi, w jobbligaw mhux biss ghal dak li jinghad fihom, izda wkoll ghall-konsegwenzi kollha li ggib maghha l-obbligazzjoni skond ix-xorta taghha, bl-ekwita', bl-uzu jew bil-ligi."*( ara **Depares noe vs O'Dea noe** – A.C. -25 ta' Gunju 1996).

Kif tajjeb osservat il-Prim' Awla fis-sentenza taghha tal-25 ta' Frar, 2010 fl-ismijiet **F. Advertising Limited (C27689) vs Francis u Antonia konjugi Grixti :**

***"****Hi disposizzjoni espressa tal-Kodici Civili fl-****Artikolu 992 (1****), illi l-kuntratt hu ligi ghall-partijiet kontraenti. Jinzel minn dan il-karattru enfatiku tal-artikolu tal-ligi illi l-partijiet kienu tenuti jirrispettaw it-termini u l-kondizzjonijiet tal-kuntratt, anke ghaliex "pacta sunt servanda", u l-kuntratt ma setax jimmodifika ruhu bil-volonta" unilaterali ta' xi parti*."

Illi l-konvenuti fin-nota taghhom ma jichudx li kien hemm dan il-ftehim bejn il-partijiet, pero' jghidu li dan il-ftehim kien soggett ghall-fatt li huma kellhom l-ewwel jircievu l-hlas mill-Unjoni Ewropea qabel ma setghu ihallsu lis-socjeta' attrici. Illi bir-rispett kollu dan ir-ragunament ma jinsabx f'dan il-ftehim bil-miktub u ghalhekk ser jigi skartat minn din il-Qorti.

Illi ghalhekk a bazi ta’ dak li hemm miftiehem fil-ftehim fuq imsemmi w esebit a fol. 15, jinghad li l-eccezzjonijiet fuq il-mertu ma jsibux konfort, u ghalhekk qieghdin jigu michuda.

**Ghalhekk il-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuti qieghda tilqa’ t-talba attrici, b’dan illi qed tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta’ attrici s-somma pretiza mill-istess socjeta’ attrici fir-rikors promotur fis-somma ta’ elfejn, disgha mija wu hamsin lira Maltin (LM2,950) in kwantu ghal elfejn u hames mitt lira Maltin (LM2,500) li huma dovuti skond il-ftehim oltre il-VAT ta’ 18% fuq din l-istess somma, ekwivalenti ghal sitt elef, tmien mija wiehed u sebghin Ewro, hamsa u sittin centesmu (€6,871.65).**

**L-ispejjez ta’ din il-kawza jithallsu mill-konvenuti in solidum.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------